30 ta' Mejju, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Charles Brincat ne. *versus* Lucy Camenzuli

**Provi — Xhieda kontra l-Miktub — Dokumenti.**

*Bħala regola, meta hemm il-miktub mhix ammissibili prova permezz ta' xhieda ta' patti kuntrarji jew addizzjonali għall-miktub. Iżda din ir-regola mhix assoluta; u, fost każi oħra, issofri eċċezzjoni fil-każ ta' klawsoli sekondarji li jiċċaraw il-klawsoli prinċipali, jew jippruvaw fatti inċidentali jew aċċessorji konċiljabili ma' l-att, jew meta l-Qorti ma tkunx persważa li ma hemmx xi żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali.*

*Il-konsenja ta' dokument firmat minn wieħed mill-kontraenti lill-kontraent l-ieħor aċċettanti tekwivali daqs kieku dak id-dokument ġie firmat mit-tnejn; u jorbot lit-tnejn.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti ta' l-Appell, kuntrarjament għal dak li għamlet l-Ewwel Qorti, ammettiet il-produzzjoni ta' xhieda, li rriteniet inutili, mhux biex tmorru kontra l-miktub, imma biex jikkjarifikawh.*

Il-Qorti: — Rat id-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Mejju, 1955, fejn jinsabu mniżżlin it-talba ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, kif ukoll id-digriet tal-Qorti tal-Kummerċ tat-8 ta' Marzu, 1955, li bih dik il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuta għall-produzzjoni ta' provi testimonjali dwar id-durata tal-lokazzjoni, bl-ispejjeż, u fejn dina l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità u nullità ta' l-appell interpost mill-konvenuta, bl-ispejjeż ta' l-inċident kontra l-appellat, u ġie ordnat li jitkompla s-smiegħ ta' l-appell;

Rat il-verbal tas-16 ta' Mejju, 1955, fejn ġie dikjarat li l-oġġett tal-provi mitluba mill-Ewwel Qorti huwa li l-lokazzjoni kienet stipulata għal għaxar snin, u li dik il-kondizzjoni kienet ġiet mifthema waqt li kienet qegħdha ssir l-iskrittura tal-lokazzjoni;

Rat l-attijiet kollha tal-kawża, u semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

Illi fil-kirografu tal-lokazzjoni l-partijiet ma niżżlux iż-żmien li għalih il-kirja kienet ġiet mifthema. Iżda l-konvenuta ssostni li fil-fatt, meta sar il-ftehim, bil-fomm intqal illi l-kirja kellha tkun għal għaxar snin. Fl-ewwel irċevuta li l-lokatur għamel lill-appellanti l-għada li sar il-kirografu, ġie miktub il-kliem "From the 2.5.50 to the 1.5.60"; u dana jaċċenna għal perijodu ta' għaxar snin, li mhumiex spjegabbli ħlief bit-teżi ta' l-appellanti, u jikkostitwixxu ċertament prinċipju ta' prova bil-miktub. B'danakollu, l-Ewwel Qorti, fuq l-oppożizzjoni ta' l-attur, ċaħdet it-talba tal-konvenuta għall-produzzjoni tal-provi orali, għar-raġunijiet miġjuba fid-digriet tagħha fuq imsemmi;

Ikkunsidrat;

Illi bħala regola, meta hemm il-miktub, mhix ammissibbli prova permezz ta' xhieda ta' patti kuntrarji jew addizzjonali għall-miktub. Iżda, kif qalet dina l-Qorti fis-sentenza tas-26 ta' Mejju, 1952, in re "Carmelo Morana vs. Nutar Dr. Jos. Spiteri" (Kollez. XXXVI-Parte I, Sez. I, paġ. 119 et seq.), dik ir-regola mhix assoluta; u, fost każi oħrajn, issofri eċċezzjoni fil-każ ta' klawsoli sekondarji li jiċċaraw il-klawsoli prinċipali, jew jippruvaw fatti inċidentali jew aċċessorji konċiljabbli ma' l-att, jew meta l-Qorti ma tkunx persważa li ma hemmx żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali (ibid.);

Ikkunsidrat;

Illi meta wieħed jikkonfronta l-kirografu ma' l-irċevuta, wieħed ma jistax ma jitħassibx li fil-kirografu seta' kien hemm żball ta' ommissjoni li l-partijiet ma riedux li jkun hemm, għax ma tantx hu verosimili li ssir ċessjoni ta' avvjament u inkwilinat ta' ħanut, bil-prezz ta' £500 oltre l-kera, għal sena biss, kif kien ikun il-każ kieku l-partijiet riedu jirrimettu ruħhom għall-liġi fuq id-durata; u dik id-durata għal sena mhix spjegabbli meta fl-irċevuta, li saret l-għada, jitniżżel, bla bżonn xejn għall-finijiet ta' l-irċevuta, it-terminu ta' għaxar snin. Dik ir-riċevuta, firmata mill-lokatur u ċedent, ġiet minnu konsenjata lill-appellanti, u għalhekk hija

dokument li jorbot lill-attur, salvo li jkun kjarifikat bil-provi, u għall-kjarifikazzjoni ta' dokument il-provi orali huma dejjem ammissibbli;

Għie deċiż drabi oħrajn li l-konsenja tad-dokument iffirmat minn kontraent wieħed lill-kontraent l-ieħor aċċettanti, tekwivali daqs kieku ġie ffirmat mit-tnejn u jorbot lit-tnejn (sent. Prim'Awla 23 ta' Ġunju, 1927, in re "Azzopardi vs. Scerri", Kollez. XXVI-II-463; ara wkoll sentenza Kollez. Vol. XXXII-I-620);

Fil-każ in eżami, il-provi offerti mhumiex intiżi biex imorru kontra l-miktub, iżda biex jikkjarifikawh, preċiżament għax hemm żewġ dokumenti konċiljabbli flimkien;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka d-digriet appellat, u tiddikjara ammissibbli l-provi testimonjali offerti mill-appellanti; u għalhekk tibgħat lura l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti biex tisma l-provi offerti u tkompli l-kawża. L-ispejjeż ta' l-inċident taż-żewġ istanzi jibqgħu kontra l-appellat.